# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' April 2000.**

**Numru 59**

**Citaz. numru 1369/90 DS**

Godwin Borg Olivier, u b'digriet tas-7 ta' Novembru 1997 gew trasfuzi l-atti fl-ismijiet ta' Maria armla ta' Godwin Borg Olivier, u Daniel u Michael, ahwa Borg Olivier
vs
Tarcisio Galea u Emanuel Zahra f'isimhom proprio u bhala diretturi tas-socjeta` Limestone Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess kif debitament awtorizzati

Illum, 14 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru 1990 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti proprio et nomine fi Frar 1989 kienu taw subappalt lill-attur biex jaghmel xoghol ta' trinek, tqeghid ta' pipes u ghoti ta' konkos kif ukoll xogholijiet ta' inginerija civili f'diversi postijiet u cioe' f'St. Andrews, San Gorg u San Gwann.

Illi dawn ix-xogholijiet li l-konvenut kellu jaghmel tlestew skond is-sengha w l-arti.

Illi ghal dan ix-xoghol il-konvenut kellu jithallas b'Lm4 kull kubu metru.

Illi s-somma bilancjali dovuta lill-attur ghal dan ix-xoghol huwa ta' tlett elef erba' mija w hames liri (Lm3,405) oltre l-imghax legali.

Illi l-konvenuti proprio et nomine gew interpellati diversi drabi biex ihallsu lill-attur is-somma bilancjali ta' Lm3,405 oltre l-imghax legali pero' xorta baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja dikjarazzjonijiet kollha necessarji, li :

1. tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jhallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef erba' mija w hames liri (Lm3,405) oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Ottubru 1990 u tal-mandat ta' sekwestru numru 3342/90 u bl-ingunzjoni tal-konvenut pro et noe ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti proprio et nomine fejn qalu:

1. Preliminarjament il-konvenuti fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u ghan-nom ta' Limestone Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress li m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attur kif jidher mid-dokument A esebit mill-istess attur.

2. Subordinatament il-konvenuti proprio m'ghandhom jghatu xejn lill-attur imma huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenuti minhabba xoghol hazin u tardivita kif jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza u dwar liema pretenzjoni qeghda ssir kontro-talba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti proprio et nomine fejn, wara li ppremettew illi:

Billi l-konvenuti prop et noe qeghdin javalixxu ruhhom mill-fakulta' li taghtihom il-ligi u qed jaghmlu kontro-talba kontra l-attur;

U billi fi Frar tal-1989 il-konvenuti proprio qabdu lill-attur sabiex jaghmel xogholijiet ta' sub-appalt ta' xoghol ta' inginerija civili f'St. Andrew's, St. George's u San Gwann kif jidher miz-zewg dokumenti (kopji esebiti bhala Dok. I u Dok. II);

U billi fost il-kondizzjonijiet hemm elenkati l-attur kellu jikkompleta x-xoghol sa tlett xhur bit-terminu jibda ghaddej sa mill-20 ta' Frar, 1989 u ghalhekk ix-xogholijiet kellhom jitlestew sal-20 ta' Mejju 1989;

U billi kien sar ftehim sussegwenti ghall-iskrittura fuq imsemmija fejn gie miftiehem li l-attur kellu jithallas erba' liri (Lm4) ghal kull metru kubiku;

U billi l-attur ittermina x-xogholijiet xhur wara l-20 ta' Mejju 1989 kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk huma dovuta penali favur il-konvenuti;

U billi x-xogholijiet esegwiti mill-attur ma kienux skond is-sengha u l-arti u l-konvenuti kellhom johorgu minn buthom is-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira (Lm845) sabiex isiru xogholijiet rimedjali;

U billi l-Korporazzjoni tat-Telemalta qeghda zzomm lill-konvenuti responsabbli ghal xogholijiet rimedjali maghmula mill-attur kif jidher mir-rapport anness bhala Dok. III x-xogholijiet tal-attur immarkati bl-ahmar;

U billi l-konvenuti nterpellaw lill-attur diversi drabi biex jersaq ghall-likwidazzjoni tal-hlas ta' danni u ta' penali u anke ghal-lok ta' transazzjoni pero' dana baqa' inadempjenti.  (Dok. IV u Dok. V)

U billi l-attur tant mhux cert fil-pretenzjonijiet tieghu li fit-13 ta' Novembru 1990 ipprezenta mandat ta' sekwestru Numru 3223/90 fejn stabilixxa l-pretenzjoni tieghu ghas-somma ta' sitt elef u hamsa u ghoxrin lira (Lm6025) u sussegwentement fit-22 ta' Novembru 1990 ipprezenta kontro-mandat ghall-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi u kontestwalment ipprezenta mandat ta' sekwestru iehor (numru 3342/90) din id-darba ghas-somma ta' tlett elef erba' mija u hames liri (LM3405) ghall-liema mandati l-konvenuti pprezentaw protest biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom fis-17 ta' Dicembru 1990 (Dok. VI, VII, VIII u IX).

talbu lil din il-Qorti:

1. tillikwida l-penali dovuti minnu lill-konvenuti bil-mija u ghaxar liri (Lm110) per diem mill-20 ta' Mejju 1990 sal-gurnata li effettivament ittermina x-xogholijiet jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

2. tidditermina meta gew kompletati x-xogholijiet;

3. tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas il-penali hekk likwidati;

4. tiillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti minhabba xoghol hazin esegwit mill-attur rikonvenzjonat.

5. tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut;

6. tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 1990, tal-protest gudizzjarju tas-17 ta' Dicembru 1990 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 1990 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat fejn qal:

1. Illi d-domandi attrici tal-konvenut rikonvenzjonat huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut u mhux responsabbli ghall-hlas ta' kwalsiasi danni.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Ottubru 1992 fejn gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku u dan wara rikors konguntiv tal-partijiet;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-23 ta’ Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda subappalt li kien inghata lill-attur u li dwaru qed jintalab hlas ta’ bilanc ta’ Lm3405 mentri l-konvenuti qed jippretendu hlas ta’ penali u danni.

L-ewwel punt li jrid jigi sorvolat tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti proprio et nomine fejn qeghdin ighidu li in kwantu l-kwalita` taghhom ta’ diretturi tas-socjeta` Limestone Ltd ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress li f’dik il-kwalita` ma kellhom l-ebda

relazzjoni guridika ma' l-attur. Hawn huwa importanti l-ftehim li gie ffirmat minnhom.

Issir referenza l-ewwel ghall-ftehim Dok. A a fol. 4 tal-process esebit mill-attur stess li jiddeskrivi l-partijiet bhala **"Zahra and Galea (Tenderers)"** u **"Godwin Borg Olivier (Subcontractor)"**. Dan gie ffirmat mill-attur kif ukoll mill-konvenut Emanuel Zahra li ffirma **"for Zahra & Galea"**. Hekk ukoll fid-Dok. I u Dok. II a fol. 20 u 21 tal-process u esebiti mill-konvenuti proprio et nomine. Imkien ma tissemma' s-socjeta` Limestone Ltd. L-istess attur, fix-xiehda tieghu ta' l-14 ta' April 1993 quddiem il-perit tekniku meta jirreferi ghall-imsemmi Dok. I ighid li dan sar bejnu u l-konvenuti *"f'isimhom proprju"* u li l-ftehim *"iffirmah il-konvenut Zahra ghan-nom ta' 'Zahra & Galea' li dan naf li hu Tarcisio Galea, 'partner' ta' Zahra"*. U dwar id-Dok. II ighid li dan *"jinkludi x-xoghol kollu l-iehor illi hdimt tal-konvenuti"*. Meta mbaghad xehed il-konvenut Emanuel Zahra fis-seduta peritali tad-29 ta' Frar 1996, dan rega' kkonferma li s-socjeta` Limestone Ltd. *"m'ghandhiex x'taqsam mal-kawza"*.

Ghalhekk, stante li jidher li ma' kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` Limestone Ltd., l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Dwar il-mertu tat-talba attrici u t-talbiet rikonvenzjonali, issir referenza l-ewwel ghax-xiehda moghtija:

**L-attur** xehed li s-sub-appalt kien jikkonsisti fi thaffir ta' trinek u tqeghid ta' pajpijiet u ghoti ta' konkrit f'diversi postijiet f'St. George's Road, f'St. Andrew's u f'San Gwann. L-appalt li kienu hadu l-konvenuti kien fil-fatt maqsum fi tlieta. Il-ftehim Dok. I kien ftehim ghal xoghol f'trinka wahda filwaqt li d-Dok. II kien jinkludi x-xoghol kollu l-iehor li hadem ghall-konvenuti. Dwar ir-rata, ghalkemm fid-Dok. II hemm indikata rata ta' Lm3.25 il-metru kubu, wara kienu ftehmu fil-fomm li r-rata kellha tkun ta' Lm4 il-metru kubu.

Wara li pprezenta l-kejl tieghu u l-konteggi, il-konvenuti vverifikawh u qalulu li ma kinux qeghdin jaqblu fil-kejl. Huwa spjega li d-differenza kienet fiz-zieda fl-gholi li kellu jhaffer bejn li kien indikalu l-konvenut Zahra u d-disinn li tawh tat-Telemalta. Qal ukoll li ghalkemm skond it-*tender* kellu jlesti x-xoghol fi zmien definit kellu hafna waqfien. L-attur semma' diversi istanzi: minhabba s-Summit bejn Bush u Gorbacev, darb'ohra meta t-Telemalta ma kellhomx *separators*, u f'okkazjoni ohra meta waqqfuh tat-Telemalta direttament meta qalu li ma kienx qed ihaffer

fil-fond bizzejjed. Huwa sostna li ma kienx tardiv fix-xoghol tieghu izda l-konvenut Zahra kien tah bicca xoghol zejda ta' xi mitejn metru madwar it-Telemalta li kien ser jaghmilhielu biex jaqdieh ghalkemm kien mghobbi bix-xoghol li hu kien tah. Dwar dan ix-xoghol ta' l-ahhar ma kinux iffirmaw ftehim pero` dwar dan l-attur ma kienx cert. Lanqas ma kien semmielu terminu ghal dan l-ahhar xoghol izda Zahra kien qallu biex ma jiqaflux. L-attur kompla jghid li bil-mod li gie jahdem mat-Telemalta spicca haffer aktar milli kien ikkuntratta mal-konvenuti, hadem taht l-istruzzjonijiet tat-Telemalta pero` bil-kunsens tal-konvenut Zahra.

L-attur qal li wara li lesta x-xoghol u ghalaq, tat-Telemalta kienu jippruvaw it-tubi billi jisparaw blalen bl-arja fihom u fejn isibu sadd jimmarkaw. Il-konvenut Zahra kien ighidlu jmur jara fejn kien immarkat u hu kien imur jiftah u jsewwi wara li kien jaghtih il-*go ahead* l-istess Zahra. It-tiswija kien jaghmilha a spejjez tieghu. Sewwa xi hames tubi u ma kienx jaf li tat-Telemalta sewwew xi xoghol tieghu.

Il-konvenut Emanuel Zahra xehed li d-Dok. I u Dok. II kienu l-appalt li kien inghata lilu u lill-konvenut l-iehor Tarcisio Galea. L-attur assuma l-istess kondizzjonijiet. Dwar ir-rati qal li d-Dokumenti juru car ir-rati applikabbli u li gew miftehma bejniethom. L-attur personalment ma hadimx xoghol izda qabbad lil certu Anthony Bonanno.

Kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Zahra esebew il-pjanti rigwardanti x-xoghol in kwistjoni.

Xehdu wkoll Joseph Schembri, impjegat mat-Telemalta bhala supervisor u li kien ghamel spezzjonijiet fuq ix-xoghol li ghamel l-attur , u Charles Fenech, senior technical officer mat-Telemalta li kien ikejjel u johrog il-kontijiet ukoll. Schembri qal, *inter alia,* li sa fejn jaf hu x-xoghol kien sar sew salv okkazjoni fejn parti mit-trinka minn Spinola 'l fuq kienet giet naqra baxxa, qalghuha u rrangawha izda ma kienx jaf min kien ghamel ix-xoghol ta' tiswija, u li fuq dan ix-xoghol qatt ma baghtu ghalih il-Contracts Committee. Charles Fenech, *inter alia,* qal li ma dehrlux li kienu waslulu rapporti mis-supervisors dwar xoghol hazin u lanqas ma jiftakar li kien hemm xi lmenti dwar dewmien. Mill-kont li kejjel ma naqqas xejn.

Il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu spjega li qabbel il-pjanti li esebixxa l-attur u li juru x-xoghol fejn hadem, ma' dawk li esebixxa l-konvenut Zahra u sab li jaqblu f'dak li huwa l-entita` tax-xoghol li hadem l-attur. Dan ifisser ghalhekk li hemm qbil li t-tul ta' trinek li haffer l-attur bhala sub-appalt huwa kif muri fuq id-dokumenti kollha esebiti.

Konsegwentement l-unika differenza tinstab fil-qisien ta’ wisa’ u fond li tkejlu separatament mill-partijiet. L-ebda parti ma esebiet dokumentazzjoni li tispjega kif waslu ghall-figuri kontestati, salv ix-xiehda ta’ l-attur li qal li b’kollox hadem xoghol li jammonta ghal aktar minn Lm10,000 u li l-ammont pretiz huwa l-bilanc wara li tnaqqsu l-pagamenti maghmula akkont. L-attur spjega fid-dettall illi ghall-ewwel beda miexi fuq struzzjonijiet diretti tal-konvenuti dwar il-fond illi kellu jhaffer pero` wara illi kien haffer xi hames mitt metru mill-appalt Spinola/San Gwann, waqqfuh tat-Telemalta ghax kien qed iqatta’ baxx wisq u kellu jfannad. Wara gie moghti c-*chart* Dok. A1 u mexa fuq struzzjonijiet taghhom minn hemm ‘il quddiem. Huwa spjega li waqt li l-konvenut Zahra kien ikollu biex iqatta' sa tlett piedi u sebgha pulzieri (3'7") fond tat-Telemalta kienu ordnawlu biex iqatta pied aktar, u dana l-pied differenza jikkostitwixxi l-varjazzjoni bejn il-kont kif mahrug minnu u dak mahrug mill-konvenuti. Imbaghad l-attur xehed illi l-konvenuti riedu jhallsuh biss fuq il-wisgha tas-*separators* skond ic-*chart* waqt illi hu kien qed jinsisti illi jithallas skond il-qies tat-trinka kif ordnawlu tat-Telemalta.

Il-perit tekniku kompla hekk:

"Jinghad illi din ta' l-attur ma gietx ikkontestata mill-konvenuti u fil-fatt ix-xhieda ta' Joseph Schembri tikkorrobora dik ta' l-attur dwar l-incident fejn instab li parti mill-appalt ta' Spinola u ta' San Giljan kien qed jitqatta' baxx wisq u giaghluh ifannad.

Mix-xhieda ta' l-attur kif ikkorroborata mill-impjegati tat-Telemalta tidher ghalhekk aktar verosimili u l-esponent ma ghandu l-ebda dubbju illi jaccetta bhala l-versjoni korretta ta' kif mexa l-appalt. Dana jfisser allura illi x-xoghol fi stadju ulterjuti kien qieghed isir taht l-ordnijiet diretti ta' l-impjegati tat-Telemalta dwar kif kellu jsir it-tqattiegh u ghalhekk jekk it-Telemalta ordnaw lill-attur biex iqatta trinka usa minn dik murija fic-*chart* Dokument "A!" l-attur kien korrett illi jitlob il-kumpens tax-xoghol tieghu. Ghandu jinghad ukoll illi mhuwiex possibli illi titqatta trinka preciza bizzejjed sakemm biss tiddahhal is-*separator* ghaliex jekk is-sottosuol ikun ta' natura illi titfarrak waqt l-iskavar il-gnub jibdew jikkollassaw u jaqa' l-materjal got-trinka u ghalhekk sabiex ikun hemm stabbilita' w it-trinka tista' tithalla usa mill-wisgha tas-*separators*. Ghalhekk ma hijiex haga kbira illi l-attur seta' gie ordnat li jqatta usa mill-mod kif cioe' il-qisien kif qeghdin jigu indikati fuq id-Dokument "A1".

Hemm ukoll xhieda importanti ta' Charles Fenech illi kien jiehu l-kejl u johrog il-kontijiet u dana xehed illi l-kejl kien sar skond kif kien moghti fit-*tender* u li kien kollox sew u hu fil-fatt kien hareg il-kont illi skond il-procedura illi kien jaddotta dana ma kienx jaghmlu illi kieku kien hemm xi lment dwar xoghol hazin jew xi kwistjoni ohra.

Dana jdahhal il-kwistjoni ta' l-allegat xoghol hazin ghaliex la darba dina x-xhieda da parti ta' ufficjal tal-Korporazzjoni fejn qieghed jikkonferma illi kieku kien hemm xoghol hazin ma kienx johrog il-kont ifisser illi l-attur hadem ix-xoghol sew u jekk kien hemm xi xoghol illi ma kienx sew dana kien irrangah.

Ix-xhieda tat-Telemalta qalu wkoll illi ma kienx deherilhom illi x-xoghol kien ittardja minhabba xi nuqqas ta' l-attur.  Joseph Schembri qal li kien jaf li kien hemm waqfien pero' ma setax jiftakar jekk kienx tort ta' l-attur inkella ghal xi esigenzi tal-Korporazzjoni, pero' qal ukoll illi qatt ma kellmuh jew staqsewh biex jispjega xi haga dwar il-kuntratt u dana jindika ghalhekk illi kien kollox accettabli ghall-Korporazzjoni.  Charles Fenech kien aktar preciz u qal illi waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol ta' l-attur ma kellu l-ebda lment minn hadd u l-istess attur kien qed idum fuqu.

Ikkonsidrat dana kollu ghalhekk ix-xhieda ta' l-attur hija perfettament accettabli illi kien hemm dewmien u waqfien pero' dana ma kienx attribwibbli ghal xoghol bil-mod li seta' hadem huwa.  Anzi x-xhieda hija perfettament korroborata ghaliex jidher illi mill-Korporazzjoni Telemalta kien hemm acettazzjoni illi dana d-dewmien kien accettabli u zgur mhux imputabbli lill-attur.

Dwar il-kwalita' tax-xoghol ukoll dina x-xiehda ta' l-impjegati tat-Telemalta tikkorrobora ulterjorment dik ta' l-attur ghaliex Charles Fenech qal illi bhala procedura huwa ma kienx johrog il-kont sakemm ix-xoghol ma jkunx gie ccertifikat bhala sodisfacenti u ghalhekk la darba kien hareg il-kont f'dan il-kaz dana kien ifisser illi x-xoghol ta' l-attur kien gie accettat bhala tajjeb u li ma kienx hemm x'wiehed x'jirranga fih. Jirrizulta ghalhekk illi jekk kien hemm xi xoghol illi ma kienx hemm xoghol ta' kwalita' tajba bizzejjed dan kien gie rrangat u dana jerga jikkonferma x-xhieda ta' l-attur fejn qal illi hu kien jirranga fejn kienu jindikawlu l-konvenuti wara illi jkun gie migbud l-attenzjoni taghhom minn ghand it-Telemalta.

Meta gie muri d-dokument a fol. 22 sa 26 tal-process huwa qal illi l-partiti numri 7,8 u 9 kien xoghol illi kien isir fuq il-kuntratt li hadem fuqu l-attur li ma sarx.  Dana jaghti x'jifhem allura illi kien sar xoghol da parti

tat-Telemalta qabel ma kien gie accettat ix-xoghol ta' l-appalt bhala sodisfacenti u ghalhekk parzjalment jikkorrobora dak illi qalu l-konvenuti illi hargu l-flus huma sabiex issir tiswija fix-xoghol illi kien hadem l-attur. Ix-xhud ma spjegax il-ghala ma nkludiex ix-xogholijiet l-ohra illi kienu parti mill-istess appalt f'fak illi semma illi kien xoghol illi kellu jsir u ma sarx u li sar mit-Telemalta u l-esponent pero' jidhirlu illi la darba dan ix-xoghol kollu kien qed jigi mahdum mill-attur u hawn konferma da parti tax-xhieda illi kellu jsir xoghol ta' tiswija mit-Telemalta qabel ma seta' hareg il-pagament u x-xoghol jigi ccertifikat bhala tajjeb huwa ghandu jaccetta wkoll din l-allegazzjoni tal-konvenuti illi kellhom ihallsu xi spejjez huma biex jirrangaw ix-xoghol ta' l-attur.

L-esponent jispjega illi x-xhieda tat-Telemalta ghamlu distinzjoni bejn l-attur u l-konvenuti bhala appaltaturi ghaliex ghalihom l-appaltaturi kienu l-konvenuti u meta kellhom xi lment jew xi haga xi jghidu kienu jghiduha direttament lill-konvenuti. Ghalhekk dan ukoll jikkorrobora dak li kien ighid l-attur dwar it-tiswijiet ghaliex huwa xehed illi kien Zahra illi jigbidlu l-attenzjoni dwar xi mankamenti fix-xoghol u hu kien imur u jirrangohom. Issa seta' kien il-kaz ghalhekk illi certu xoghol illi ma lahaqx ghamel l-attur u li anke forsi lanqas gie moghti ndikazzjoni li kien jezisti lahaq sar mit-Telemalta u li kellhom ihallsu tieghu il-konvenuti.

Ghalkemm jista' jinghad illi l-attur seta' ma kienx gie mgharraf illi dawn it-tiswijiet kellhom isiru u li kieku kien jaf kien jaghmilhom hu b'xejn lill-konvenuti, xorta wahda jibqa' l-fatt illi huma kellhom johorgu l-pagamenti oltre dawk illi hallsu lill-attur ghal xoghol illi kien jirranga l-attur stess. Fic-cirkostanzi l-esponent ihoss illi ghandu jaccetta t-talba ta' riduzzjoni tal-bilanc pretiz mill-attur fl-ammont ta' tmien mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm845) kif mitlub mill-konvenuti bhala kumpens tan-nefqa biex ihallsu lit-Telemalta talli rrangaw ix-xoghol ta' l-attur.

Ghalhekk l-esponent huwa ta' l-opinjoni illi l-konvenuti ma ppruvawx illi l-attur kien tardiv fix-xoghol tieghu u wisq anqas illi huma nkorrew xi spejjez jew penaltajiet kbar da parti tat-Telemalta talli ttardjaw fix-xoghol u ghalhekk ma ghandhom l-ebda dritt illi jitolbu l-istess penali lill-attur la darba ma ppruvawx illi kienu inkorrew dina l-penali huma stess. L-esponent ukoll huwa ta' l-opinjoni illi x-xoghol kien gie mghoddi bhala sodisfacenti mit-Telemalta wara illi kienu saru t-tiswijiet kollha necessarji illi parti minnhom kienu saru mit-Telemalta direttament u li taghhom kellhom ihallsu s-somma ta' tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm845) il-konvenuti u dana jirrigwarda x-xoghol illi huma qed jitolbu kumpens minn ghand l-attur taghhom u li dana l-kumpens huwa accettabli. Dwar il-bilanc pretiz mill-attur l-esponent jaqbel illi dana

ghandu jithallas pero' minnhom ghandu jigi mnaqqas l-ammont imsemmi ta' tmien mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm845) illi ghalhekk jaghti bilanc definittiv ta' elfejn hames mija u sittin lira Maltin (Lm2560) liema bilanc ghandu jithallas mill-konvenuti lill-attur u saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu."

Il-Qorti hija tal-fehma li l-perit tekniku ghamel apprezzament tajjeb u gust tal-provi mressqa mill-partijiet, u ghalhekk tadotta fl-intier il-konkluzjonijiet tieghu.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti proprio et nomine u, fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Limestone Ltd, tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-ewwel tliet talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet l-ohra rikonvenzjonali u t-talba attrici u tipprovdi dwar dawn it-talbiet rikonvenzjonali billi tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti fl-ammont ta' Lm845, u tiddikjara lill-attur responsabbli ghal dawn id-danni, u ghalhekk tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm2560 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti de proprio jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm2560 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenuti u kwantu ghal kwart mill-attur.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR